MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 281/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
v

**JOHN BONELLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN BONELLO** ta' tnejn w ghoxrin sena bin John u Rita nee Gauci, imwieled San Giljan nhar d-dsatax ta' Ottubru 1979 u residenti 'Dar il-Blata', Triq l-Ibragg, St. Andrew's, detentur tal-karta tal-identita numru 529579M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tmienja ta' Marzu 2002 u fis-snin ta' qabel fil-fond 'Hole in the Wall' ta' Triq San Gorg, San Giljan u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li kienu jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li kienu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT;

2. Talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe l-Pall Mall Limited of UK u socjetajiet ohra li taghhom s-socjeta BCGL Advocates rappresentanta minn Dottor Andrew Borg Cardona LL D et hija rappresentanti, protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;

3. Talli fl-istess zmien iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. Talli xjentement ghamel uzu minnhom;

5. Talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe l-boll tas-SISA li jappartjenu lil Gvern ta' Malta, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
6. Talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

7. Talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT kellu fil-pussess tieghu billi kellu depositati ghandu jew esposti ghal biegh tlieta w ghoxrin pakkett b'ghoxrin sigarett kull pakkett, Rothmans Blue KSFT [bil-faxex tad-Ddazju tas-Sisa falsifikati] u dan bil-hsieb li jiffroda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni l-importazzjoni tas-sigaretti hawn fuq imsemmija hija projhita u/jew ristretta li ghandhom valur ta' hames liri u hamsa w sebghin lira maltin, Taxxa impost [Levy] ta' zewg liri sittin centezmu u tlett millezmi, Dazju tas-Sisa ta'tlettax il-lira disgha w hamsin centezmu u tlett millezmi u VAT fl-ammont ta' zewg liri sittin centezmu u tlett millezmi.

8. Talli b'hekk tqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esibiti f'dawn l-atti ki wkoll sabiex tikkundanna lil istess imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Marzu 2003 [fol 9] sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, l-Letter to Prosecute markata bhala dokument SN 1 mahruga mid-Dipartiment tad-Dwana [fol 41] sabiex jittiehdu l-proceduri odjerni kontra l-imputat u l-Letter to Prosecute markata bhala dokument SN 3 mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi [fol 44] sabiex jittiehdu passi kontra l-imputat talli kiser l-provvedimenti tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Semghet lil imputat jiddikjara waqt l-ezami li sarlu mill-Qorti nhar t-tnax ta' Settembru 2003 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta' Settembru 2003 **xehed l-Ispettur Bernard Zarb** [fol 11] li qal li nhar t-tmienja ta' Marzu 2002 hu kien qaed jaffettwa rejds f'diversi lokalitajiet fosthom bars u hwienet, u kien inkariga lil PC 344 Christopher Vella u Customs Officer Chris Vassallo sabiex imorru f'fond maghruf bhala 'Hole in the Wall' sitwat fi Triq San Gorg, Sal Giljan sabiex jaghmlu tfittxija ghal xi merca li kien hemm ghal bejgh bla ma hallas d-dazju taghha, fejn sabu tlieta w ghoxrin pakkett sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT li fil-fehma taghhom kienu *counterfeit* peress li dehrilhom li kien hemm boll iffalsifikat u ghalhekk dawn s-sigaretti gew elevati minnhom u li llum il-gurnata jinstabu f'idejn tad-Dwana. Qal li dakinhar stess hu tkellem ma l-imputat li dan minn naha tieghu spjegalu, wara li kien tah s-solita twissija, li kellu klijent ta' nazzjonalita barranija, li l-partikolaritajiet tieghu ma kienx jafhom, u li kien iltaqa mieghu fit-triq, u li kellu kont pendenti mieghu, u dan qallu sabiex jehles l-kont li kellu pendenti. Ix-xhud kompla jghid li dan il-klijent kien qal lil imputat li ma kellux flus u li kellu xi grossos tas-sigaretti u ghalhekk l-imputat dehrlu li kellu johodhom u hekk ghamel; hadhom u poggihom hdejn l-ohrajn.

Ix-xhud qal li f'dak l-istadju hu m'emminx lil imputat f'dak li kien qed jghidlu u cioe li kien hemm persuna li ma kienx jaf minn hija u tah s-sigaretti u ghalhekk staqsih jekk effettivement kienx s-*supplier* li kien tahomlu. Ix-xhud qal li ma kellux jemmnu ghaliex mill-esperjenza tieghu, kull darba li jkun hemm kaz ta' *counterfeit* l-persuna ndagata qatt ma tizvela s-*supplier* taghha u ghalhekk rega' staqsih ghat-tieni darba kienx s-*supplier* li kien tahomlu u l-imputat kien irrispondih fi-negattiv.

Kompla jghid li nhar t-tnax ta' Marzu 2002 baghat ghal imputat biex jirrilaxxja stqarrija u wara li tah s-solita twissija, l-imputat rrilaxxja l-istqarrija li giet mmarkata bhala dokument BZ [fol 15]. Ix-xhud qal li l-imputat kien qallu li kien gia tkellem mal-Avukat tieghu u ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda. Ix-xhud ikkonferma l-firma ta' PC 824 Arthur Mercieca fuq kull faccata ta' din l-istqarrija. Qal li sussegwentement hu ghadda s-sigaretti lil tad-Dwana u kien qed jistenna minn naha taghhom

sabiex ikunu jistghu jipprocedu ulterjorment pero qabel m'ghaddihomlhom, ghaddihom lil Ronald Abela tal-Austria Tabac Central Cigarettes. Qal li tkellem mas-*supplier* tal-Gvern fejn jigu stampati l-boll fejn gie nfurmat li l-boll ma kienx gie mahrug minnhom u ghaddewlu kwerela ffirmata minn Dottor Andrew Borg Cardona li tinsab mmarkata bhala dokument BZ 1 [fol 17].

Kompla jghid li sussegwentement hu kien ircieva ittra minghand Dottor Joseph Giglio ghan-nom tal-imputat li l-imputat xtaq jikkopera mal-Pulizija u li xtaq jirrilaxxja stqarrija li giet mmarkata bhala dokument BZ 2 [fol 18]. Ghalhekk, zied jghid ix-xhud hu baghat ghal imputat nhar t-tletin ta' Awissu 2002 u fil-presenza ta'PC 824 Arthur Mercieca hadlu stqarrija li giet mmarkata bhala dokument BZ 3 [fol 20]. In kontro ezami x-xhud qal li flimkien mal-ittra li kien ircieva minghand Dottor Joseph Giglio, kien hemm kopja tal-kontijiet li l-imputat kellu pendenti ma dik l-allegata persuna kif wkoll xi *till receipts*. Qal li hu kien rega' tkellem mal-imputat sabiex jindikalu minn kienet dik il-persuna sabiex ikun jista jarrestha pero l-imputat kien qallu li ma kienx f'posizzjoni li jaghti isem din l-persuna. Ix-xhud qal li fil-hanut in kwistjoni ma hemmx siggijiet jew imwejjed u ghalhekk l-klijentela in kwistjoni hija wahda li bniedem jieqaf, jixtri u jitlaq mill-hanut u ghalhekk l-ammont ta' bejgh mill-hanut ma kienx jaf kemm hu. Qal li hu ma ndagax x'tip ta' negozju l-imputat jiggestixxi jew jopera u kull ma kien jaf li kien hanut tal-ispirtu w imbejjed. Qal li l-imputat kien qallu li dik il-persuna li tatu s-sigaretti kienet tahdem f'sit fil-vicin pero hu ma kienx ikkonferma jekk kienx hemm tali sit fil-vicinanzi tal-hanut tal-imputat. Qal li ghalkemm kien jaf li f'Portomaso kien hemm *building site* dak z-zmien, fl-ebda hin ma l-imputat qallu li dik il-persuna kienet tahdem f'Portomaso.

Illi nhar t-tnax ta' Settembru 2003 **xehed Joseph Borg** [fol 38] li xehed ghan-nom w in rappresentanza tad-Dipartiment tad-Dwana u esibixxa s-*seizure note* li giet mmarkata bhala dokument SN [fol 40] kif wkoll Letter to Prosecute mahruga mid-Direttur Generali tal-Ufficju tad-Dwana li gie mmarkat bhala dokument SN 1 [fol 41].

Esibixxa wkoll formalment l-kontenut tas-*seizure note* li gie mmarkat bhala dokument SN 2 [fol 42].

Illi nhar t-tnax ta' Settembru 2003 **xehed John Sacco** [fol 43] li esibixxa l-Letter to Prosecute mill-Kummissarju tal-VAT li giet mmarkata bhala dokument SN 3 [fol 44]. Hu gharaf il-firma ta' Paul Scicluna fuq dan d-dokument.

Illi nhar t-tnax ta' Settembru 2003 **xehed Christopher Vassallo** [fol 45] li qal li hu jahdem bhala ufficjal fl-iskwadra tal-investigazzjonijiet tad-Dwana. Qal li hu kien involut f'diversi tfittxijiet li saru flimkien mal-Pulizija f'fondi f'Tal Ibragg u f'San Giljan ghal possibilita ta' sigaretti foloz. Qal li fost dawn ghamel tfittxija fil-fond 'Hole in the Wall' sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan fejn sab tlieta w ghoxrin pakkett sigaretti Rothmans Blue, li fil-fehma tieghu kien foloz. Qal li dakinhar hu kien ma Customs Assistant John Mifsud u ma PC 344 Christopher Vella. Qal li hu kien ta ricevuta lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, bhal sid il-hanut tas-sigaretti li kien eleva minn hemmhekk u li ghadda lil Ispettur Bernard Zarb ghal aktar investigazzjoni. Huwa esibixxa d-dokument SN 4 [fol 42] li hija kopja tar-ricevuta li ta lil imputat. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq dan d-dokument. Zied jghid li s-sigaretti in kwistjoni kienu fuq xkaffa flimkien ma sigaretti ohra fl-istand tas-sigaretti ta' diversi marki fosthom Royals u Rothmans li dehrlu li kienu genwini. Qal li meta mar jaghmel t-tifttxija, hu kellu kampjun tas-sigaretti li kien falz u li s-sigaretti li sab fil-hanut kienu jaqblu mal-istess kampjun falz li hu kellu f'idejh.

Qal li fil-hanut dan deher mill-ewwel li kienu foloz. Qal li kieku dawn s-sigaretti kienu wahedhom kien ikun aktar difficli biex jintgharfu u peress li kienu hdejn s-sigaretti l'ohrajn li kienu genwini, allura stonaw. Qal li ma kienx cert jekk dik l-ixkaffa minn barra tidhirx u li huma dahlu minn wara l-bank ghal dik l-ixkaffa. Zied jghid li hu kien talab lil imputat jaghtih ricevuta tas-sigaretti minn fejn kien xtrahom pero dan kien qallu li ma kellux ghaliex kien xtrahom minghand persuna ta' nazzjonalita Libjana. Qal li hu kien ilu Fizzjal d-Dwana ghal sitt snin u li dik ma kienetx l-ewwel spezzjoni li ghamel fuq sigaretti foloz

fosthom tal-marka Marlboro. Qali li hu anke attenda korsjijiet biex ikun f'posizzjoni li jaghraf tali sigaretti. Qal li s-sigaretti in kwistjoni kellhom kemm l-boll kif wkoll l-*bundle roll blue*.

Illi nhar t-tnax ta' Settembru 2003 **xehed John Mifsud** [fol 48] li qal li hu Senior Customs Assistant fid-Dipartiment tad-Dwana. Qal li fis-sena 2002 kien involut ma xi xoghol mal-Pulizija in konnessjoni ma sigaretti foloz fosthom seearches li saru f'Tas Sliema u San Giljan. Qal li wiehed minnhom kien fil-fond bl-isem 'Hole in The Wall', San Giljan fejn kien hemm l-imputat odjern li gharaf presenti fl-awla. Qal li ghamlu tfittxija fil-hanut tieghu flimkien ma Christopher Vella u xi Pulizija ohra fejn elevaw tlieta w ghoxrin pakkett sigaretti Rothmans fuq xkaffa fost sigaretti diversi ohra. Qal li huma elevaw dawn s-sigaretti u taw ricevuta taghhom lil imputat u li huma elevawhom peress li kellhom f'idejhom kampjun ta' sigaretti foloz.

Illi nhar s-sebgtha w ghoxrin ta' Ottubru 2003 **xehed Martin Debattista** [fol 51] li xehed ghan-nom w in rappresentanza tal-Kontrollur tad-Dwana u esibixxa tlieta w ghoxrin pakkett sigaretti tal-marka Rothmans li gew mmarkati bhala dokument RS.

Illi nhar s-sbatax ta' Novembru 2003 **xehed PC 824 Arthur Mercieca** [fol 53] fejn wara li ra l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument BZ ikkonferma li din giet rilaxxjata mill-imputat wara li nghata s-solita twissija. Ix-xhud gharaf lil imputat bhala l-istess persuna li rrilaxxja din l-istqarrija u fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, kif wkoll tal-Ispettur Bernard Zarb fuq kull faccata taghha. Meta gie muri d-dokument BZ 3 li hija stqarrija rilaxxjata wkoll mill-imputat nhar t-tletin ta' Awissu 2002, ix-xhud ikkonferma kemm il-firma tal-imputat kif wkoll dik tal-Ispettur Bernard Zarb fuq kull faccata taghha.

Illi nhar s-sittax ta' Frar 2004 **xehed PC 344 Christopher Vella** [fol 58] li qal li fit-tmienja ta' Marzu 2002 hu kien gie moghti struzzjonijiet mill-Ispettur Bernard Zarb biex imur jaghmel tfittxija f'xi hwienet f'Tas Sliema, San Giljan u St. Andrews ghal xi sigaretti bla dazju u meta marru fil-fond

'Hole in the Wall' sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, elevaw tlieta w ghoxrin pakkett li dehrilhom li dazju ma kienx thallas fuqhom. Qal li kien fil-presenza ta' rappresentanti tad-Dwana u cioe Christopher Vassallo u John Mifsud u dan peresss li huma ghandhom *training* specifiku biex jgharfu dawn it-tip ta' sigaretti u fil-fatt kienu huma stess li gharfu tali sigaretti li ma kellhomx dazju mhallas fuqhom. Qal li s-sigaretti in kwistjoni kienu fuq xkaffa wara l-bank b'mod vizibbli ghal kulhadd u li r-ricevuta ghar-rilaxx taghhom giet moghtija mir-rappresentanti tad-Dwana. Mistoqsi jekk s-sigaretti li elevaw kienux hdejn ohrajn ghal bejgh ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jirrispondi. Qal li hu ilu f'dik s-sezzjoni tlett snin u li ma kienetx l-ewwel darba li mar jaghmel spezzjoni ta' dik ix-xorta. Ix-xhud esibixxa kopja tar-rapport li hu ghadda lil Ispettur Bernard Zarb lie gie markat bhala dokument Z [fol 60].

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2004 **xehed Ronald Abela** [fol 64] li qal li hu General Manager ta' Central Cigarettes Company Limited. Qal li l-din il-kumpanija tipproduci diversi sigaretti fosthom Rothmans, Dunhill King size, Du Maurier, Dunhill lights, u Royals. Meta gie muri d-dokument BZ 3, x-xhud kkonferma li dawk sigaretti, ma kienux dawk manufatturati mill-kumpanija tieghu u dan peress li l-kulur blue fuqhom mhux l-istess kulur blue tas-sigaretti li jipproducu huma. Qal li l-karta tas-sigaretti hija differenti minn dik uzata minnhom u l-marki li hemm fuq l-qiegh tas-sigaretti huma differenti minn taghhom. Qal li s-sigaretti li kellu f'idejh kellhom *code* li ma kienx jaqbel ma dawn li jipproducu huma ghaliex taghhom ikollhom *code* b'ittri u li huma kienu baghtu kampjuni tas-sigaretti barra mill-laboratorju taghhom biex jikkonfermaw humiex taghhom jew le.

Illi nhar l-hdax ta' April 2005 **xehed l-espert William Beck** [fol 78] li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument WB skond inkarigu moghti lilu nhar d-dsatax ta' Lulju 2004. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta, fil-fehma tieghu, li ma hemm ebda differenza bejn t-tlieta w ghoxrin pakkett sigaretti elevati minghand l-imputat w esibiti l-Qorti w l-pakkett tas-sigarett elevat minghand c-Central Cigarette Company Limited.

Illi in oltre, l-eseprt sahhah l-fehma tieghu wara li rcieva wkoll l-ittra li huwa esibixxa bhala dokument C 1 [fol 82] minghand s-socjeta Central Cigarettes Company Limited li kkonfermatlu li s-sigaretti li huwa kien werihom u cioe dawk mehuda minghand l-imputat, kienu "*original Duty Paid Rothmans and not contraband or counterfeit cigarettes*". Hu zied jghid li setghu gew konfuzi bhala foloz ghaliex kienu qodma.

Il-Qorti ssibha difficli tifhem kif meta xehed Ronald Abela, General Manager tas-socjeta Central Cigarettes Company Limited nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2004 qal b'certezza li s-sigaretti mertu ta' din il-kawza huma foloz ghaliex l-kulur blue fuq dawn is-sigaetti huwa differenti mill-blue tas-sigaretti li jipproducu huma, il-karta tas-sigaretti hija differenti minn dik uzata minnhom, il-marki li hemm fil-qiegh tas-sigaretti huma differenti u li filwaqt li s-sigaretti li jipproducu huma ghandhom *code* b'ittri, s-sigaretti in kwistjoni ghandhom *code* bin-numri. Izda sussegwentement l-istess Ronald Abela rrilaxxja ittra fejn jikkonferma li s-sigaretti huma genwini.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi l-Qorti **ma tistax ssib lil imputat JOHN BONELLO hati ta' tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu** u wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1)(f) u 298B(1), 169, 183, 184, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 60(a)(b)(c)(f)(g)(h) u paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, l-artikoli 16(d)(e)(f)(g)(j) u 17(a) tal-Att XVI tal-1995 Dwar d-Dazju tas-Sisa, l-artikolu 80 tal-Att Dwar Taxxa fuq l-Valur Mizjud [Att XXIII] tal-1998 u l-Avviz Legali numru 120/1992, **tiddikjara li ma ssibux hati taghhom u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------